# Commercial Sanctions Tribunal

<u>Malta</u>

<u>Tribunal tas-Sanzjonijiet Kummerċjali</u>

<u>Appell mill-*Black Listing*</u>

Każ Numru: 01/2022 JTD/CST

Ideaplan Ltd (C 83105)

Versus

Direttur tal-Kuntratti

Illum, 23 ta` Ġunju 2023

Illi meta ssejħet il-kawża fis-13:00 kif skedata, deħru l-Avv. Dr. Mark Anthony Debono għad-Direttur tal-Kuntratti u Avv. Dr. Christopher Vella għall Foundation for Medical Services.

L-ebda rappreżentant tas-soċjeta` Ideaplan Ltd, u anqas L-avukat tal-imsemmija soċjeta` ma dehru sas-13:30.

It-Tribunal jinnota illi permezz ta` e-mail mibgħuta nhar it-12 ta` Ġunju 2023, l-avvukati tal-partijiet rispettivi ġew debitament notifikati bid-data u l-ħin tas-seduta tal-lum.

Nhar il-Ġimgħa 16 ta` Ġunju, 2023, l-Avv.Dr Pio Valletta li qed jassisti lis-soċjeta` Ideaplan Ltd informa lil dan it-Tribunal permezz ta` e-mail li l-klijenti tiegħu ġew notifikati.

Illi peress li illum ma deher ħadd għal-Ideaplan Ltd. sas-13:30, dan it-Tribunal, hekk kif kien preċedetement, qed jiddikjara li stante nuqqas ta` interess da parti tas-soċjeta` Ideaplan Ltd, il-każ huwa kkonsidrat deżert.

It-Tribunal jordna li dan id-digriet għandu jiġi kkomunikat elettronikament lill-avukati rispettivi tal-partijiet.

It-Tribunal jordna wkoll li dan id-digriet għandu jiġi notifikat lid-Direttur tal-Kuntratti.

It-Tribunal jordna wkoll li s-somma ta' erba' mitt Euro (€ 400.00) depożitata mis-soċjeta' Ideaplan Ltd, sabiex setgħet tintavola dawn il-proċedura, għandha tintilef.

Avv. Dr. Jacqueline Fanti Dougall B.A., LL.D.
Chairperson

Mr. Reginald Fava , B.Pharm., M.R.Pharm.S., DBA, MCPP
Deputy Chairperson

Dr Joseph Fava, D. Lett.
Member